MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1269/2010

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Ashraf Farawi, iben Abdulrazik, imwieled Benghasi, Libya fit-2 ta' Ġunju, 1979, numru tal-passsport 494906

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fit-28 ta' Novembru, 2010 għal ħabta tal-kwarta ta' fil-għodu, fi Triq Ross, San Ġiljan:
1. dolozament, bil-ħsieb li joqtol (flimkien ma persuna oħra) lil Abou Snaima Bader Mohamed Ouda Ewaid jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta u bil-ponta lill-istess Abou Snaima Bader Mohamed Ouda Ewaid, liema delitt ma

ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputat;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Abou Snaima Bader Mohamed Ouda Ewaid, skont kif iċċertifikat Dr. Natalie Apap M.D., liema offiżi ġew magħmula b’arma regolari;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, ta’ liema xorta jkun, mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja u/jew hedded lil Abou Snaima Bader Mohamed Ouda Ewaid.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, flimkien jew minflok, il-piena applikabbli għar-reat, tipprovdi għas-sigurta ta’ Abou Snaima Bader Mohamed Ouda Ewaid u/jew għaż-żamma ta’ l-ordni pubbliku, u/jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuni leżi u/jew ta’ individwi oħra minn fastidju u/jew imġieba oħra li tikkaġuna biża’ ta’ vjolenza, billi toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkużat skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta’ Ottubru, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 42(d)(e), 41(1), 214 u 218 (1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 42(d)(e), 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(b)(d) u 217 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 338(dd) u 339(1)(b)(e)(l) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 42(d)(e) tal-Kodċi Kriminali u fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;
e. fl-artikolu 42(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta;

f. fl-artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Diċembru, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-unika akkuża li tirrizulta fil-konfront ta’ l-imputat hi l-ħames akkuża li min-naħa tiegħu l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel erba’ akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn l-istess akkużi. Issibu ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ ammenda ta’ sitton euro (€60). Fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------